TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 420/10

**John Xuereb**
**vs**
**MET Road Assistance**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentanti fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħamsa u ħamsin ewro (€55), rappreżentanti prezz ta' towing mid-depot wara li ġiet misruqa u nstabet mill-pulizija.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi l-vettura tiegħu ġiet misruqa u ttieħdet id-depot u wara li sarilha l-investigazzjonijiet neċessarji, is-sid li hu ir-rikorrenti ġie mitlub sabiex jieħu l-karozza lura u ġie irrifjutat li jsir is-servizz b'xejn, u kellu jħallas ħamsa u ħamsin ewro (€55).

Is-soċjeta' intimata da parti tagħha irreferiet lir-rikorrenti għall-kundizjonijiet li fosthom hemm indikat li jekk il-vettura tkun jew misruqa jew parti minn xi investigazzjoni tal-pulizija ma tkoprix il-ġarr.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li ra l-kundizzjonijiet, jikkonkludi illi l-karozza kienet insterqet mingħand is-sid u ttieħdet id-depot. L-investigazzjonijiet spiċċaw tant illi is-sid, li huwa r-rikorrenti, talab biex jieħu l-vettura li allura ma taqax taħt dawk il-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni tal-obligazzjoni tal-ġarr ta' l-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsa u ħamsin ewro (€55), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888